MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 34/2007/1

**Carmelo sive Charles u Maria Ella sive Mariella konjugi Busuttil**

**v.**

**Dorothy Galea Debono; Robert Zammit; it-Tabib Kirurgu Anthony Zammit; Isabella Zammit bhala mandatarja tal-assenti bintha l-Avukat Dottor Maria Zammit; Mark Zammit; Anna Zammit; l-Avukat Generali u d-Direttur Generali (Qrati)**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'rikors pprezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha datat 29 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti ppremettew:-
"Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-22 ta' Novembru 1976, ir-rikorrenti Carmelo *sive* Charles Busuttil xtara u akkwista minghand Mary Gauci u Amalia Soler:

"(i) il-*flat* numru erbgha (4) tal-korp tal-*flats* jisimhom "Melita *Flats*" numru mija sebgha u tletin (137), Tower Road, Sliema, minghajr l-arja tieghu [....]; u

"(ii) l-arja tal-*flat* u li tirrizulta meta tinbena l-arja tal-*flat* numru erbgha (4) jigifieri l-arja ta' dan il-*flat* immedjatament mill-gholi ta' tlettax-il filata (13) 'l fuq imkejjel dan il-gholi mill-bejt tal-*flat* li jkun inbena fuq il-*flat* numru erbgha (4) [...]

"u dan kif deskritt fl-istess kuntratt, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "CB 1";

"Illi ghalhekk ir-rikorrenti gie illi, bis-sahha ta' l-imsemmi kuntratt akkwista l-arja <u>illimitatament</u> ghal dak illi huwa gholi ta' dak illi eventwalment sar l-appartament numru hamsa (5) u nbena fuq l-appartament erbgha (4) fil-blokka *flats* bl-isem "Melita *Flats*" bin-numru mija sebgha u tletin (137), Triq it-Torri, Sliema;

"Illi l-proprjeta` surreferita kienet ippreveniet lil Mary Gauci u Amalia Soler wara att ta' divizjoni bejn Mary Gauci, Amalia Soler, Maria Theresa *sive* Tessie Demajo, Agnes Grech, Joseph Zammit u John Felix Zammit, ilkoll ahwa Zammit, td-19 ta' Marzu 1976, fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, kopja ta' liema qieghda tigi hawn tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "CB 2";

"Illi sussegwentement ir-rikorrenti Carmelo *sive* Charles Busuttil bena l-appartamenti bin-numru hamsa (5) u sitta (6) illi jinsabu rispettivament fil-hames u s-sitt sular tal-blokka *flats* bl-isem "Melita *Flats*" bin-numru mija sebgha u tletin (137), Triq it-Torri, Sliema;

“Illi peress illi l-istess rikorrenti kien xtara l-arja illimitatament ghal dak illi huwa gholi, huwa beda jibni u effettivament bena zewg appartamenti ohra li llum igibu n-numru sebgha (7) u tmienja (8), “Melita *Flats*” bin-numru mija sebgha u tletin (137), Triq it-Torri, Sliema;

“Illi fis-sena 1990, xi whud mill-intimati odjerni, l-awturi ta’ xi whud mill-intimati odjerni u Mary Gauci u Amalia Soler *ossia* Mary Gauci, Amalia Soler, Maria Theresa *sive* Tessie Demajo, Agnes Grech, Mark Zammit, Dorothy Galea Debono, Anna Zammit, l-Avukat Dottor Marcelle Zammit, Dottor Anthony Zammit u Robert Zammit, u Achille Soler, Dottor Thomas Demajo, Charles Grech u l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala amministraturi tal-komunjoni ta’ l-akkwist ezistenti bejnhom u r-rispettivi nisa taghhom ipprezentaw kawza quddiem il-Qorti tal-Kummerc bin-numru tac-citazzjoni 288/1990 fejn wara illi ppremettew, *inter alia*, illi huma l-proprjetarji ta’ l-arja sovrastanti l-appartamenti maghrufa bhala “Melita *Flats*”, numru 137, Tower Road, Sliema u cioe` l-arja li tinsab fuq l-appartament numru sitta (6) fl-imsemmija blokk appartamenti u illi t-titolu taghhom ghall-komunjoni tal-proprjeta` ta’ din l-arja jirrizulta mill-att ta’ divizjoni fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tad-19 ta’ Novembru 1976 mil-liema att – skond huma – jirrizulta illi l-istess arja ma gietx diviza bejniethom u ghalhekk baqghet in komun u illi r-rikorrenti Charles Busuttil bena fuq l-arja sovrastanti l-appartament numru sitta (6) minghajr il-permess u l-kunsens taghhom, talbu lil dik il-Qorti joghgobha:

“(i) Tiddikjara l-arja sovrastanti l-appartament numru sitta f’ dan il-blokk ta’ *flats* maghrufa bhala Melita *Flats*, numru 137, Tower Rd., Sliema proprejta` ta’ l-atturi;

“(ii) Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut inehhi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss ix-xoghol kollu li huwa ghamel f’ din l-arja;

“(iii) Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas jaghmlu x-xoghol huma ghas-spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni ta’ perit nominat minn din l-Qorti ghal dan l-iskop;

“Illi r-rikorrenti odjern Carmelo *sive* Charles Busuttil eccepixxa:

“(i) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li l-atturi m’ ghandhom l-ebda kwota jew sehem mill-arja sovrastanti l-appartament numru sitta (6) fil-korp ta’ l-appartamenti msemmija, kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni;

“(ii) Illi meta l-eccipjent kiseb il-beni tieghu minghand uhud mill-atturi, dan kien kiseb ukoll illimitatament u esklussivament l-arja li tirrizulta mill-imsemmi appartament numru sitta (6);

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-3 ta’ Settembru 1990, dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom *stante* illi rrizulta illi l-arja ta’ l-appartament numru sitta (6) mhijiex ta’ l-atturi izda hija tal-konvenut Carmelo *sive* Charles Busuttil u dan senjatament peress illi huwa akkwista l-arja illimitatament ghal dak illi huwa gholi, kopja ta’ din s-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “CB 3”;

“Illi minn dik is-sentenza gie mressaq appell. Nhar l-4 ta’ Awissu 1992, il-Qorti ta’ l-Appell permezz ta’ sentenza kontenenti ragunament xejn car u dispozizzjonijiet kontradittorji, iddecidiet billi *“tilqa’ l-appell hlief dak maghmul minn Amalia mart Achille Soler, Mary mart Joseph Gauci, Agnes mart Charles Grech u mir-rispettivi zwieghom cioe` Achille Soler, Joseph Gauci u Charles Grech bhala amministraturi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u r-rispettivi nisa taghhom [...] u konsegwentament filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, ghalkemm fuq ragunijiet differenti, in kwantu jirrigwarda dawn l-appellanti li l-appell taghhom qed jigi respint, tirrevokaha in kwantu diretta lejn l-appellanti l-ohra Maria Theresa konoxxuta bhala Tessie mart Dott Thomas Demajo, l-istess Dr. Demajo bhala amministratur tal-komunjoni, Mark Zammit, Dorothy mart l-Avukat Dottor Richard Galea Debono, l-istess Dr. Galea Debono bhala amministratur tal-komunjoni, Anna xebba Zammit, l-*

*Avukat Dottor Marcelle Zammit, Dr. Anthony Zammit u Robert Zammit fir-rigward tal-ewwel talba taghhom tiddikjara illi l-arja kollha sovrastanti s-sitt sular tappartejni lilhom u lill-konvenut indivizament u konsegwentement tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet taghhom kif kontenuti fic-citazzjoni u ghal fini tat-tieni domanda tiffissa zmien perentorju ta' tliet xhur li fih il-konvenut ghandu jiddemolixxi dak kollu li huwa bena illegalment u ghal fini tat-tielet domanda tinnomina lill-perit u arkitett civili Michael Angelo Refalo",* kopja ta' din is-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. "CB 4";

"Illi r-rikorrenti odjern Carmelo *sive* Charles Busttuil ghamel talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi ta' l-**artikolu 811 (c), (e), (j), (k) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, izda din it-talba giet michuda nhar l-24 ta' Jannar 1997, kopja ta' din s-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "CB 5";

"Illi kemm is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Awissu 1992 kif ukoll dik ta' l-24 ta' Jannar 1997 jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u senjatament id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif garantit bl-**Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** u d-dritt taghhom li ma tittehidx il-proprjeta` taghhom b'mod obbligatorju kif garantit mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan *stante* illi dawn is-sentenzi effettivament iwasslu sabiex proprjeta` illi giet akkwistata fl-*intier* taghha u li tifforma parti mill-komunjoni tar-rikorrenti giet mehuda, *in parte*, minghajr ebda bazi logika u / jew legali u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

"Illi dan il-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti sehh *stante* illi s-sentenzi surreferiti jaghmlu apprezzament hazin ta' klawsola kuntrattwali illi kjarament taghti drittjiet illimitati lir-rikorrenti Carmelo *sive* Charles Busuttil u *inoltre stante* illi minn imkien ma jirrizulta illi r-rikorrenti Carmelo *sive* Charles Busuttil xtara l-arja tal-proprjeta` *de quo* soggetta ghal xi limitu izda ghal kuntrarju jirrizulta illi huwa xtara l-arja b'mod illimitat u ghalhekk ma kienx lecitu illi tali

limitazzjoni tinholoq minn ragunament xejn car kontenut fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-14 ta’ Awissu 1992;

“Illi bhala konsegwenza ta’ dawn is-sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell, ir-rikorrenti ghadhom sal-gurnata tallum qeghdin isofru u ser ikomplu jsofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom jekk din l-Onorabbli Qorti ma taghtihomx rimedju adegwat u dan *stante* illi permezz ta’ rikors guramentat ipprezentat nhar is-16 ta’ Marzu 2007 [Rikors Guramentat Numru: 308/2007/AL] l-intimati Dorothy Galea Debono; Robert Zammit; it-Tabib kirugu Anthony Zammit; Isabelle Zammit bhala mandatarja ta’ l-assenti bintha l-Avukat Dottore Maria Zammit; Mark Zammit; u Anna Zammit; istitwew proceduri gudizzjarji kontra r-rikorrenti fejn talbu l-bejgh b’licitazzjoni taz-zewg appartamenti immedjatament sovrastanti l-appartament numru sitta (6) f’numru 137, Triq it-Torri, Sliema, u ta’ l-arja relattiva;

“Illi *in ogni* kaz jigi rilevat illi permezz tar-Rikors Guramentat Numru: 308/2007/AL], l-intimati qeghdin jaghmlu talba illi tikkuntrasta totalment ma’ dak illi rriteniet il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza ta’ l-4 ta’ Awissu 1992 fejn gie ordnat id-demolizzjoni tax-xoghlijiet;

“Illi peress illi s-sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell surreferiti huma bbazati fuq konsiderazzjonijiet infondati ta’ dritt u ta’ fatt u peress illi tali sentenzi effettivament illedew, qeghdin jilledu u ser ikomplu jilledu d-dritt ta’ proprjeta` tar-rikorrenti, dawn is-sentenzi ghandhom jigu ddikjarati minn din l-Onorabbli Qorti bhala nulli u bla effett;

“Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell surreferita u senjatament dawk moghtija nhar l-4 ta’ Awissu 1992 u l-24 ta’ Jannar 1997 fl-ismijiet **Mary armla minn Joseph Gauci, Amalia mart Achille Soler, Maria Theresa *sive* Tessie Demajo mart Dottor Thomas Demajo, Agnes mart Charles Grech, Mark Zammit, Dorothy mart l-Avukat Richard Galea Debono, Anna**

**xebba Zammit, l-Avukat Dottor Marcelle Zammit, Dottor Anthony Zammit u Robert Zammit, u l-istess Achille Soler, Dottor Thomas Demajo, Charles Grech u l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala amministratturi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnhom u r-rispettivi nisa taghhom vs Carmelo Busuttil** [Cit. nru.: 288/1990] jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u senjatament id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif garantit bl-**Artikoli 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem** u tal-libertajiet Fundamentali u d-dritt taghhom li ma tittehidx il-propjreta` taghhom b' mod obbligatorju kif garantit mill-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**;

"2. Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantit bl-**Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** u l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u dan senjatament izda mhux limitatament billi, *inter alia*, tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell surreferuti u senjatament dawk moghtija nhar l-4 ta' Awissu 1992 u l-24 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet **Mary armla minn Joseph Gauci, Amalia mart Achille Soler, Maria Theresa *sive* Tessie Demajo mart Dottor Thomas Demajo, Agnes mart Charles Grech, Mark Zammit, Dorothy mart l-Avukat Richard Galea Debono, Anna xebba Zammit, l-Avukat Dottor Marcelle Zammit, Dottor Anthony Zammit u Robert Zammit, u l-istess Achille Soler, Dottor Thomas Demajo, Charles Grech u l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala amministratturi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnhom u r-rispettivi nisa taghhom vs Carmelo Busuttil** [Cit. nru.: 288/1990] huma nulli u bla effett;

"u dan taht il-provedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti jew minn minnhom.

“Rat ir-risposta ta’ l-intimat Avukat Generali datata 4 ta’ Gunju 2007 a fol. 64 tal-process fejn espona:

“Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u minhabba f’ hekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

“Illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tezercita l-mansjonijiet taghha fir-rigward ta’ dan r-rikors abbazi ta’ **Artikolu 4 tal-Kostituzzjoni** u abbazi tal-**Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* illi dan r-rikors huwa kollu kemm hu bbazat fuq interpretazzjoni ta’ klawsola ta’ kuntratt bejn zewg partijiet privati redatt b’ mod regolari min-Nutar Pubbliku;

“Illi huwa car li r-rikorrenti kellhom a dispozizzjoni taghhom il-mezzi kollha skond il-ligi u fil-fatt l-istess rikorrenti jidher li ghamlu uzu minn tali mezzi lilhom disponibbli u qed jigi umilment sottomess li din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex il-kompetenza skond il-ligi sabiex bir-ragunar taghha tissostitwixxi r-ragunar tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-interpretazzjoni tal-klawsola f’ kuntratt bejn zewg partijiet privati;

“Illi *inoltre* qed jigi umilment sottomess illi r-rikorrenti kull ma qed jaghmel huwa li jaghmel attentat fjakk sabiex jittenta juza din il-Qorti fil-kompetenza taghha premessa bhala stadju ulterjuri tal-appell sabiex jappella minn sentenza li ghaddiet mill-istadji kollha skond il-ligi biex giet reza nappellabbli u definittiva – haga li hija inaccettabbli li ssir, specjalment quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha premessa;

“Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell meta tat is-sentenza finali taghha, kull ma kienet qed taghmel kienet li tinterpreta klawsola f’ kuntratt bejn zewg persuni privati u dan b’ebda mod ma jista’ jitqies bhala xi theddid ta’ proprjeta` da parti taghha;

“Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell meta tat is-sentenza li qed tigi lamentata da parti tar-rikorrenti kkristalizzat il-posizzjoni u nterpretat l-istess posizzjoni li diga` kienet ezistenti ghal kull *buon fini* u l-agir tal-istess Onorabbli Qorti tal-Appell b’ ebda mod ma biddel is-sitwazzjoni li kienet diga` ezistenti qabel ma nghatat l-istess sentenza;
“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

“Rat ir-risposta tal-intimati Dorothy Galea Debono u tal-intimati l-ohra kollha, *ad* eccezzjoni tal-Avukat Generali u d-Direttur Generali (Qrati), datata 21 ta’ Awissu 2007 a fol. 155 tal-process fejn esponew:-

“1. L-esponenti jissottomettu li t-talbiet tar-rikorrenti ghadhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, *in quanto* huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u kompletament frivoli u vessatorji.

“2. Ghalkemm ir-rikorrenti ressqu l-proceduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti in bazi ghall-allegazzjoni li fil-proceduri tac-Citazzjoni Nru. 288/1990 presentata dak iz-zmien quddiem il-Qorti tal-Kummerc gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom, kif spjegat minnhom fir-rikors promotorju, ta’ dawn il-proceduri, *in verita`* dawn l-allegazzjonijiet ma huma xejn ghajr skuza dghajfa ntiza biex jahbu l-intenzjoni reali li juzaw lil din l-Onorabbli Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell rispettivament fl-4 ta’ Awissu 1992 u fl-24 ta’ Jannar 1997.

“3. Dak li *in verita`* r-rikorrenti jridu jottjenu minghand din l-Onorabbli Qorti huwa guridikament inammissibbli *stante* li kif gie diversi drabi enuncjat minn din l-istess Onorabbli Qorti, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali **ma ghandhiex il-funzjoni ta’ *court of third instance* fis-sens li terga’ tirrivedi l-meritu tal-kawza gia` deciza mill-Qorti ta’ l-Appell** ghaliex m’ hijiex il-funzjoni ta’ din il-Qorti li tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, u lanqas tal-Qorti ta’ l-Ewwel Grad, dwar l-interpretazzjoni tal-fatti pertinenti

ghall-kaz. **Il-funzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali hi biex tara jekk gewx lezi *o meno* d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali** (*vide* sentenzi fl-ismijiet **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et,** Rikors Nru 24/01VDG deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Dicembru 2001 – il-principju enuncjat f' din is-sentenza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz fejn il-proceduri attakkati jkunu ta' natura civili u mhux kriminali).

"4. Dan huwa l-istess principju adottat mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali u huwa maghruf bhala the *"fourth instance' doctrine" – the Court has no jurisdiction under article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of act, or the application of national law to them, for the conclusions of domestic courts.* ***The Court's task with regard to a complaint under article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under article 6.*** *(Jacobs & White – The European convention on Human Rights – 4th Edition* pagna 159. enfasi mizjuda mill-esponenti).

“5. Il-fatt li r-rikorrenti jridu lil din l-Onorabbli Qorti tagixxi bhala Qorti ta’ revizjoni ghal dak deciz mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell johrog ferm car minn dak minnhom espost fir-rikors taghhom u mill-gustifikazzjoni moghtija in sostenn ta’ l-allegat vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom.

“In fatti l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat esklussivament fuq l-allegazzjoni taghhom illi s-sentenzi surreferiti jaghmlu apprezzament hazin ta’ klawsola kuntrattwali illi kjarament taghti drittijiet illimitati lir-rikorrent Carmelo *sive* Charles Busuttil u *inoltre stante* illi minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrenti Carmelo *sive* Charles Busuttil xtara l-arja tal-proprjeta` *de quo* soggetta ghal xi limitu izda ghal kuntrarju jirrizulta li hu xtara l-arja b’mod illimitat u ghalhekk ma kienx lecitu illi tali limitazzjoni tinholoq minn ragunament xejn car kontenut fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-4 ta’ Awissu 1992.

“6. Johrog car mill-bran tar-rikors odjern appena riportat li skond ir-rikorrenti l-principju tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti gie vvjolat ghaliex huma ma jaqblux mad-decizjoni fil-mertu li waslet ghaliha l-Onorabbli Qorti tal-Appell bid-decizjoni taghha tal-4 ta’ Awissu 1992 u dik sussegwenti tal-24 ta’ Jannar 1997.

“7. Ghal kull *buon fini*, u sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem il vera intenzjoni tar-rikorrenti konjugi Busuttil fil-proceduri odjerni, jinghad li huma hassew li sofrew vjolazzjoni tad-dritt taghhom tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom **ghaxar snin wara l-ahhar pronuncjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Jannar 1997, u biss wara li l-intimati esponenti istitwew proceduri ghall-bejgh in licitazzjoni ta’ proprjeta` li ghadhom in komuni mal-istess rikorrenti kif determinat bil-precitata sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-4 ta’ Awissu 1992!**

“Fid-dawl ta’ dan kollu iktar ‘l fuq espost, l-esponenti umilment jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors *in*

*quanto* nfondati fil-fatt u fid-dritt u kompletament frivoli u vessatorji; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

“Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Qrati datata 2 ta’ Ottubru 2007 a fol. 163 tal-process, fejn espona:-

“1. Illi, l-ewwel u qabel kollox, huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi *ai termini* tal-avviz Legali Nru.139 tal-2004, l-obbligi kollha ta’ Registratur tal-Qorti kif indikati fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili huma assunti mid-Direttur, Qrati u Tribunali Civili illi ghandu r-reponsabbiltajiet ta’ Registratur, Qrati u Tribunal Civili;

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi huwa car, anke mill-att promotorju, illi l-esponent u / jew ir-Registratur, Qrati u Tribunal Civili huwa totalment estraneji minn dak allegat mir-rikorrenti;

“3. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2007 Dr. William Cuschieri talab li minflok id-Direttur Generali jigi ndikat Direttur Qrati u Tribunali Civili. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom. Il-Qorti ordnat l-korrezzjonijiet kif rikjesti u l-intimati prezenti taw ruhhom b’ notifikati bl-atti kif korretti. Dr. William Cuschieri ghar-rikorrenti, talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lir-rikorrenti biex jipprezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigixipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota ta’ l-intimati jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lir-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-8 ta’ Jannar 2008.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Carmelo *sive* Charles u Maria Ella *sive* Mariella konjugi Busuttil datata 14 ta' Marzu 2007 a fol. 169 tal-process.

"Rat in-nota responsiva tal-Avukat Generali ghan-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti *a tenur* tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Ottubru 2007, liema nota giet prezentata fis-26 ta' Dicembru 2007 kif tidher a fol. 187 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-8 ta' Jannar 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Adrian Delia ghar-rikorrenti prezenti. Deher ukoll Dr. Joseph Briffa ghall-Avukat Generali u deher ukoll Dr. Aldo Vella li iddikjara li jistrieh fuq ir-risposta tieghu u mhux se jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Ir-Registratur tal-Qorti u d-difensur tieghu Dr. Francesco Depasquale baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett' ostakolu ghad-29 ta' Mejju 2008."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, iddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju, 2008 billi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm premessi u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

**"II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

"Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qeghdin isostnu li sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fl-4 ta' Awissu 1992 u fl-24 ta' Jannar 1997 jilledu d-drittijiet fundamentali taghhom *ai termini* ta' l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u *ai termini* tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Dan qeghdin isostnuh peress li skond huma f'dawn is-sentenzi sar apprezzament hazin ta' klawzola kuntrattwali.

“Illi l-Avukat Generali ressaq diversi eccezzjonijiet, kif ghamlu wkoll l-intimati l-ohra.

“Illi fl-ewwel lok jinghad li d-Direttur Qrati Tribunali u Civili huwa wkoll il-legittimu kontradittur a bazi tal-**artikolu 181 B tal-Kap 12.**

“Illi dwar il-mertu tar-rikors jirrizulta mill-atti processwali li fid-19 ta’ Marzu 1976 gie redatt att ta’ divizjoni min-Nutar Victor John Bisazza (Dok B a fol.96 tal-process) fejn fost proprjeta’ ohra kien qed jigi diviz korp ta’ *flats* bl-isem “Melita Flats”, 137, Tower Road, Sliema bejn l-ahwa Zammit.

“Illi mbaghad permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-22 ta’ Novembru 1976 (Dok A a fol.90 tal-process) ir-rikorrent Busuttil xtara u akkwista minghand Mary Gauci u Amalia Soler is-segwenti :-

*“(I) il-flat numru erba’ (4) tal-korp tal-flats jisimhom ‘Melita Flats’ numru mija sebgha u tletin (137), Tower Road, Sliema, minghajr l-arja tieghu……..; u*

*“(ii) l-arja tal-flat u li tirrizulta meta tinbena l-arja tal-flat numru erba’ (4) jigifieri l-arja ta’ dan il-flat immedjatament mill-gholi ta’ tlettax-il filata (13) ‘l fuq imkejjel dana il-gholi mill-bejt tal-flat li jkun inbena fuq il-flat numru erbgha (4)…..”*

“Illi sussegwenti ghal dan il-kuntratt, Busuttil bena l-appartamenti bin-numru hamsa (5) u sitta (6) li jinsabu rispettivament fil-hames u s-sitt sular tal-imsemmija blokka *flats*. Apparti hekk peress li jsostni li xtara l-arja illimitatament ghal dak li huwa gholi, bena zewg appartamenti ohra li jgibu n-numru sebgha (7) u tmienja (8) fl-imsemmija blokka.

“Illi fl-1990 whud mill-intimati odjerni, l-awturi ta’ whud mill-intimati odjerni pprezentaw kawza quddiem il-Qorti tal-Kummerc li giet deciza fit-3 ta’ Settembru 1990 fejn gie deciz li l-arja ta’ l-appartament numru 6 mhiex ta’ l-atturi f’dik il-kawza kif pretiz minnhom izda hija ta’ Carmel

Busuttil u dan peress li huwa akkwista l-arja illimitatament ghal dak li hu gholi.

"Illi sar appell u fl-4 ta' Awissu 1992 u l-Qorti ta' l-Appell laqghet l-appell interpost hlief dak maghmul minn Amalia mart Achille Soler, Mary mart Joseph Gauci, Agnes mart Charles Grech u r-rispettivi zwieghom. Kwindi gie deciz li fir-rigward ta' l-intimati l-ohra kollha l-arja kollha sovrastanti s-sitt sular tappartjeni lilhom u lil Carmel Busuttil indivizament u ordnat li l-konvenut jiddemolixxi dak kollu li bena llegalment.

"Illi konsegwentement Carmel Busuttil ghamel talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi ta' l-artikolu 811 (c), (e), (j), (k) u (l) tal-Kap 12 izda din it-talba giet michuda fl-24 ta' Jannar 1997.

"Illi b'hekk Busuttil isostni li kemm is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Awissu 1992 kif ukoll dik ta' l-24 ta' Jannar 1997 jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u senjatament id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif garantit bl-artikoli 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u d-dritt taghhom li ma tittehidx il-proprjeta' taghhom b'mod obbligatorju kif garantit mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan *stante* li dawn is-sentenzi effettivament iwasslu sabiex proprjeta' li giet akkwistata fl-intier taghha u li tifforma parti mill-komunjoni tar-rikorrenti giet mehuda, *in parte,* minghajr ebda bazi logika u/jew legali. Dan l-allegat ksur tad-drittijiet sehh *stante* li s-sentenzi surriferiti ghamlu apprezzament hazin ta' klawzola kuntrattwali li skond huwa taghtih dritt illimitat u *inoltre*` *stante* li minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent xtara l-arja tal-proprjeta' *de quo* hija soggetta ghal xi limitu izda ghal kuntrarju jirrizulta li huwa xtara l-arja b'mod illimitat u b'hekk ma kienx lecitu li tali limitazzjoni tinholoq minn ragunament xejn car kontenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Awissu 1992.

"Illi r-rikorrenti sostna li bhala konsegwenza ta' dawn is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell ghadhom sal-gurnata tal-lum qeghdin isofru u ser ikomplu jsofru ksur tad-drittijiet

fundamentali taghhom jekk din il-Qorti ma taghtihomx rimedju adegwat u dan *stante* li permezz ta’ rikors guramentat ipprezentat nhar is-16 ta’ Marzu 2007 (Rik Gur Nru:308/07/AL) l-intimati Dorothy Galea Debono; Robert Zammit; it-Tabib Kirurgu Anthony Zammit; Isabelle Zammit bhala mandatarja ta’ l-assenti bintha l-Avukat Dottor Maria Zammit; Mark Zammit; u Anna Zammit, istitwew proceduri gudizzjarji kontra r-rikorrenti fejn talbu l-bejgh b’licitazzjoni taz-zewg appartamenti immedjatament sovrastanti l-appartament numru sitta (6) f’numru 137, Triq it-Torri, Sliema, u ta’ l-arja relattiva.

“Illi mill-att ta’ divizjoni jirrizulta li gew assenjati tlett porzjonijiet bejn l-ahwa Zammit - Porzjon A, B u C. Porzjon A kienet tikkonsisti fi *flat* numru 1 u numru 2 tal-korp ta’ “Melita Flats”. Porzjon B tikkonsisti fi *flat* numru 3, l-arja tal-*flat* numru 4 u s-subdirett dominju perpetwu u subcens annwu u perpetwu gravanti art fabrikabbli; u l-Porzjon C li kien jikkonsisti fi *flat* numru 4, arja tal-*flat* numru 5 (f’kaz li jinbena) u n-nofs indiviz ta’ *store.*

“Illi l-klawzola li taghti lok ghal interpretazzjoni hija (b’referenza ghal Porzjon C) s-segwenti :

*“l-arja tal-flat u li tirrizulta meta tinbena l-arja tal-flat numru erbgha (4) jigifieri l-arja ta’ dan il-flat immedjatament mill-gholi ta’ tlettax-il filata (13) ‘l fuq imkejjel dana l-gholi mill-bejt tal-flat li jkun inbena fuq il-flat numru erbgha (4)…..”*

“Illi din il-Qorti tifhem li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell waslet ghall-konkluzjoni li l-arja li kienet qed tigi deskritta f’din il-klawzola hija dik li tirrizulta sa tlettax-il filata ‘l fuq mis-saqaf tal-appartament li talvolta jkun inbena fil-hames sular. Fl-istess termini huwa dritt ta’ min gie assenjat l-arja tal-*flat* numru 4. Jirrizulta li gie deciz li mid-dicitura adoperata li n-Nutar bl-uzu tal-kliem l-‘arja tal-*flat*’ u bir-riferenza ghat-tlettax-il filata, anke jekk dan ma jirrizultax car mill-kliem uzat, kien qed jindika li din l-arja kienet ser tikkonsisti fi tlettax-il filata ‘il fuq mill-bejt ta’ dak li kellu jkun il-hames sular. Fis-sentenza hawn mertu tal-kawza odjerna jirrizulta li nghad li dan huwa l-uniku mod li bih jista’ jinghata sens lil dak konvenut bejn il-partijiet. L-

Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet cara hafna fir-ragunament taghha u bl-ebda mod ma jidher li biex waslet ghal tali interpretazzjoni kien hemm xi ksur ta' xi dritt spettanti lil xi parti fil-kawza.

"Illi minn dan kollu ma jirrizultax li b'xi mod jista' jigi allegat li bl-istess sentenzi jista' jinghad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tad-drittijiet ta' proprjeta' tar-rikorrenti, u dan peress li l-istess Qrati bis-sentenza taghhom kellhom il-kompetenza li jinterpretaw l-istess kuntratt bejn individwi privati u jidher li l-motivazzjoni ta' l-istess hija wahda li giet ben spjegata mill-istess Qorti u li fil-fatt kien jispetta unikament lill-istess Qorti fid-determinazzjoni ta' drittijiet civili bejn il-partijiet fl-istess kawza; ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li qed jittenta jaghmlu r-rikorrenti f'din il-kawza huwa biss li jinterponu appell lill-Qorti tat-tielet istanza u ghalhekk lil din il-Qorti u dan biss ghaliex huma ma humiex qed jaqblu mal-interpretazzjoni ta' kuntratt li giet moghtija mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza fuq citata, decizjoni li ghaddiet in gudikat; fil-fatt l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet qed taghti interpretazzjoni li tispetta lilha tas-sinifikat tal-istess kuntratt li sar bejn individwi privati u ma hemm l-ebda dubju li l-procedura adoperata mill-istess Qorti kienet wahda li hadet in konsiderazzjoni l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, tant li ma hemm ebda lment dwar l-istess procedura adoperata.

"Illi fil-fatt dak li effettivament sar mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza citata kien biss li nterpretat klawsola kuntrattwali u dan skond dak li kien jehtieg li jsir minnha minhabba n-natura tal-kawza li giet proposta quddiemha, li ovvjament kienet tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-istess klawsola. Il-fatt li r-rikorrenti odjerni ma jaqblux ma' tali interpretazzjoni tal-istess klawsola kuntrattwali ma jfissirx li b'hekk hemm allegat ksur tad-drittijiet ta' proprjeta' tal-istess rikorrenti, u dan ghaliex fl-istess sentenza, l-istess Qorti, kellha l-kompetenza sabiex tiddetermina jekk jezistix tali dritt jew le u effettivament bl-osservanza tar-regoli tal-procedura u wkoll b'osservanza tal-elementi tas-smigh xieraq, u ghalhekk is-sentenza taghha kienet wahda moghtija skond il-ligi.

"Illi fil-fatt jirrizulta car li dak li kien ikkontestat f'din il-kawza huwa dak li kien ikkontestat fl-ewwel kawza, u cjoe' l-interpretazzjoni tad-dicitura ta' kuntratt ta' l-akkwist u tad-divizjoni, u jidher palez li r-rikorrenti mhux qed jaqblu mal-mod li l-istess Qorti waslet ghall-istess interpretazzjoni u fuq kollox fuq il-konkluzjoni hemm raggunta; fil-fatt din il-lamentela hija wkoll simili ghal dik li tqajmet anke fil-kawza ta' ritrattazzjoni ta' bejn il-partijiet u partikolarment fuq l-aggravji mressaq a bazi tal-**artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap 12** u fil-fatt hawn issir riferenza ghal dak li qalet l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Carmel Busuttil vs Mary armla minn Joseph Gauci et"** (A.C. 24 ta' Jannar 1997 – Citaz. Numru 288/90), u din il-Qorti thoss li bhal ma gara fil-kawza ta' ritrattazzjoni hekk qed issir permezz ta' din il-kawza fejn ir-rikorrenti qed jittentaw taht il-pretest ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem jergghu jifthu l-kawza mill-gdid u b'hekk indirettament tigi krejata l-Qorti tat-Tielet Istanza u fil-fatt l-aggravji tal-istess rikorrenti ma huma xejn hlief kritika ghall-motivazzjoni tas-sentenzi mertu ta' dawn il-proceduri, li fil-fatt jittraduci ruhu f'ezercizzjoni ta' revizjoni li l-ligi ma tippermettix u li ma ghandux lanqas jithalla li jsir f'din il-*veste* ta' kompetenza kostituzzjonali.

"Illi din il-Qorti thoss li fuq dan il-binarju t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghaliex fil-kaz odjern din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li terga tirrevedi l-mertu tal-kaz gia deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex isservi bhala Qorti tat-Tielet Istanza, b'dan li din il-Qorti ma ghandhiex tintuza sabiex terga' tezamina u taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti, u dan iktar u iktar meta jidher li l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ghamlet dan l-ezami **("Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** – P.A. (VDG) – 28 ta' Dicembru 2001).

"Illi fil-fatt jinghad li *"Unlike a national court of appeal,* (this court) *is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell*

*short standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under article 6.* (**Jacobs & White – The European convention on Human Rights** – 4th Edition pagna 159. Huwa sintomiku li f'dan il-kaz lanqas biss tqajjem il-punt li ma kienx hemm smigh xieraq u ghalhekk kollox huwa minflok ippermjat fuq il-motivazzjoni tal-istess sentenza u l-interpretazzjoni li hija tat ghall-kuntratt bejn individwi privati, liema interpretazzjoni tispetta lill-Qrati ordinarji.

"Illi fil-fatt ir-rikors tal-istess rikorrenti jattakka ezattament il-motivazzjoni tal-Qorti kemm fuq il-binarju ta' interpretazzjoni tal-kuntratti u wkoll fuq l-allegazzjoni li dak li mmotiva l-istess decizjoni huwa fih innifsu kontradittorju, u verament dan iwassal biss sabiex din il-Qorti tafferma li kull ma effettivament qed jaghmel ir-rikorrenti huwa biss li jerga' jiftah mill-gdid decizjoni li ghaddiet in gudikat, haga li ma hijiex u m'ghandhiex tkun permessa, la fil-ligi, u iktar u iktar taht din il-procedura.

"Illi fil-fatt jinghad ukoll li minn ezami ta' l-istess sentenzi certament ma jirrizultax li hemm xi ksur tal-artikoli ndikati fir-rikors promotorju u lanqas jista' jinghad li kien hemm xi interpretazzjoni hazina ta' xi klawzola kuntrattwali. Infatti l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ezaminat l-artikoli kollha li l-attur irrefera ghalihom bhala bazi ghall-azzjoni tieghu u ezaminat bir-reqqa jekk dak li kien qed isostni l-attur kienx jinkwadra taht xi artikolu jew artikoli minnhom.

"Illi jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti fil-verita' qed jipprovaw juzaw lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Revizjoni u dan ukoll wara ghaxar snin li nghatat l-ahhar sentenza impunjata. Huwa veru li l-azzjoni bbazata fuq drittijiet fundamentali tal-bniedem mhiex preskrivibbli izda f'dan il-kaz it-trapass ta' l-istess zmien jindika l-motivazzjoni tal-istess rikorrenti

li huwa dak li mill-gdid jergghu jittrattaw l-istess kawza medesima oggett ta' dawn il-proceduri.

"Illi *in effetti* mir-rikors guramentat innifsu jidher car li r-rikorrent irrikorra ghal dawn il-proceduri bhala tentattiv biex iwaqqaf il-proceduri li nbdew kontrih fis-16 ta' Marzu 2007 permezz ta' rikors guramentat numru 308/07/AL mill-intimati Dorothy Galea Debono, Robert Zammit, it-Tabib Kirurgu Anthony Zammit, Isabelle Zammit bhala mandatarja ta' l-assenti bintha l-Avv Dott Maria Zammit, Mark Zammit u Anna Zammit fejn talbu b'licitazzjoni taz-zewg appartamenti mmedjatament sovrastanti l-appartament numru 6 f'numru 137, Triq it-Torri, Sliema, u ta' l-arja relattiva.

"Illi ghalhekk la darba din il-Qorti hija sodisfatta li l-Qrati ghamlu apprezzament skond il-ligi tal-klawzola kuntrattwali in kwistjoni jirrizulta li fl-ezercizzju tal-istess gudizzjoni u fl-ghoti tas-sentenzi msemmija ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

**"III. <u>KONKLUZJONI</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposti tal-intimati rispettivi biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

**L-appell tar-rikorrenti.**

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fid-9 ta' Gunju, 2008 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet imsemmija moghtija fid-29 ta' Mejju, 2008 u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

L-intimati Dorothy Galea Debono, Robert Zammit, it-Tabib Kirurgu Anthony Zammit, Isabella Zammit noe, Mark Zammit u Anna Zammit pprezentaw risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn bazikament qablu mas-sentenza appellata u filwaqt li ghamlu referenza ghar-risposta taghhom pprezentata quddiem l-ewwel Qorti fil-21 ta' Awwissu 2007 u dik tal-Avukat Generali u d-Direttur Generali (Qrati), talbu li l-appell jigi michud bl-ispejjez.

L-Avukat Generali wkoll ipprezenta risposta fejn, filwaqt li ghamel referenza ghall-atti tal-kawza, talab li din il-Qorti tichad l-appell billi wkoll gie sottomess li "*kull ma qed jipprova jaghmel r-rikorrenti huwa li jipprova johloq ghalih nnifsu appell ulterjuri meta l-ligi ma taghtix dan ir-rimedju*".

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' April, 2011 meta d-difensur tal-appellanti u Dr. Aldo Vella ghall-appellati Dorothy Galea Debono et ghamlu referenza ghall-atti tal-kawza u talbu li l-appell jibqa' differit ghas-sentenza. Dakinhar l-Avukat Generali msejjah diversi drabi ma deherx. Ghalhekk l-appell gie mholli ghas-sentenza b'dan li d-Direttur Qrati u Tribunali Civili, in vista tal-fatt li d-difensur tieghu kien gie elevat ghal Magistratura, inghata l-fakolta` jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub. Rat in-nota tal-istess Direttur tat-28 ta' April, 2011 fejn iddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghall-atti processwali.

Ittrattat l-appell.

**Ikkunsidrat:**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali li kienet cahdet it-talba tal-konjugi Busuttil biex dik il-Qorti tiddikjara s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu, 1992 u l-24 ta' Jannar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Mary armal minn Joseph Gauci et vs Carmelo Busuttil*** *(Citaz. Numru 288/1990)* bhala lezivi tad-drittijiet fundamentali taghhom ghad-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif garantiti bil-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta'

Malta. Konsegwentement ukoll kienet giet michuda t-talba tar-rikorrenti sabiex dik il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi, fost affarijiet ohra, tiddikjara is-sentenzi msemmija bhala nulli u bla effett.

**Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti.**

Permezz ta' kuntratt ta' *compro vendita* ppubblikat min-Nutar Joseph Brincat fit-22 ta' Novembru, 1976 ir-rikorrent Busuttil kien xtara minghand Mary Gauci u Amalia Soler l-appartament numru 4 tal-korp tal-*flats* maghrufa bhala "Melita Flats" li jgib in-numru 137, gewwa Tower Road, Sliema. Dan l-appartament inxtara minghajr l-arja tieghu; biss l-istess Busuttil fuq l-istess kuntratt akkwista ukoll "*l-arja tal-flat u li tirrizulta meta tinbena l-arja tal-flat numru erba' (4) jigifieri l-arja ta' dan il-flat immedjatament mill-gholi ta' tlettax(13) il-filata 'l fuq imkejjel dana il-gholi mil-bejt tal-flat li jkun inbena fuq il-flat numru erba' (4) ….*"

Ir-rikorrenti Busuttil jikkontendi li bil-kuntratt fuq imsemmi u senjatament id-dicitura koncernanti l-akkwist tal-arja, huwa kien akkwista "*l-arja* <u>*illimitatament*</u> *ghal dak li huwa gholi ta' dak illi eventwalment sar l-appartament numru hamsa (5) li nbena fuq l-appartament numru erba' (4)*" tal-istess blokk ta' appartamenti. Kien ghalhekk li, apparti l-appartament numru sitta kostruwit minnu fl-imsemmi blokk, huwa bena wkoll l-appartamenti numri 7 u 8.

Il-proprjeta` surriferita kienet ipperveniet ghand Mary Gauci u Amalia Soler in forza ta' kuntratt ta' divizjoni tad-19 ta' Marzu, 1976 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza. Fl-1990 il-kondividenti fuq l-imsemmi kuntratt dehrilhom li Carmelo Busuttil kien okkupa arja aktar minn dak li kien xtara ghalhekk dawn, inkluzi l-istess Mary Gauci u Amalia Soler, istitwew proceduri kontra ir-rikorrent odjern Carmelo Busuttil biex jigi dikjarat li (a) l-arja sovrastanti l-appartament numru sitta fil-blokk imsemmi hija proprjeta` taghhom, (b) li konsegwentement Carmelo Busuttil jigi kundannat jnehhi x-xoghol kollu li huwa ghamel f'din l-

arja, u fin-nuqqas jigu awtorizzati huma stess jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega a spejjez tal-konvenut.

F'dawk il-proceduri Carmelo Busuttil kien eccepixxa l-infondatezza tat-talbiet attrici stante li "*l-atturi m'ghandhom l-ebda kwota jew sehem mill-arja sovrastanti l-appartament numru sitta (6) fil-korp ta' appartamenti msemmija u li meta huwa kiseb il-beni tieghu minghand uhud mill-atturi dan kien kiseb ukoll illimitatament u esklussivament l-arja li tirrizulta mill-imsemmi appartament numru sitta (6).*" Kienet ghalhekk kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' klawsola kuntrattwali u cioe` jekk bl-imsemmi kuntratt Carmelo Busuttil kien, kif jsostni hu, akkwista l-arja fuq l-appartament numru sitta b'mod illimitat jew jekk, kif kienu qed isostnu l-atturi, din l-arja kienet tappartjeni lilhom.

Il-vertenza giet rizolta definittivament b'sentenza tal-Qorti tal-Appell, kif dakinhar komposta, tal-14 ta' Awwissu, 1992 billi t-talbiet attrici, hlief dawk tal-atturi Soler, Gauci u Grech, gew milqugha, billi l-arja kollha sovrastanti s-sitt sular giet dikjarata bhala tappartjeni lill-atturi hlief dawk hawn fuq imsemmija u lil-konvenut Carmelo Busuttil indivizament bejniethom. Konsegwentement gew ukoll milqugha it-tieni u tielet talba.

Carmelo Busuttil hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk talab ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi kien qed jikkontendi li [1] wahda mill-partijiet fil-kawza ma kienitx il-persuna legittima (Sub Art. (c)); [2] is-sentenza applikat il-ligi hazin (Sub Art. (e); [3] is-sentenza giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, gew dikjarati foloz (Sub Art. (j)); [4] li wara s-sentenza nstab dokument deciziv (Sub Art. (k)); u finalment [5] is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (Sub Art. (l)).

It-talba ghar-ritrattazzjoni giet michuda b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 ta' Jannar, 1997 billi gie dikjarat li ebda wiehed mill-gravami ma kien jirrikorri biex b'hekk jiggustifika t-talba tar-ritrattand. B'hekk gara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Awwissu, 1992

ghaddiet in gudikat u l-vertenza definittivament risolta billi l-klawsola kuntrattwali fuq riportata giet ritenuta li tfisser li l-arja sovrastanti l-appartament numru sitta fil-blokk ta' appartament maghruf bhala Melita Flats, 137 Tower Road, Sliema giet dikjarata tappartjeni kif fuq inghad.

Il-konjugi Busuttil pero` ma kienux sodisfatti u fid-29 ta' Mejju, 2007 ipproponew proceduri kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn talbu li dik il-Qorti, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, tiddikjara li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju 1992 u dik tal-24 ta' Jannar, 1997, meta t-talba ghar-ritrattazzjoni giet michuda, jilledu d-drittijiet fundamentali taghhom salvagwardati bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi b'dawk is-sentenzi gew milquta avversament id-drittijiet taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom.

Uhud mill-intimati appellati, rinfaccjati b'dawn il-proceduri, immedjatament issollevaw l-irritwalita` tat-talba billi l-Avukat Generali sostna li dik il-Qorti kellha tastjeni milli tezercita l-mansjonijiet kostituzzjonali taghha "*stante li dan ir-rikors huwa kollu kemm hu bbazat fuq interpretazzjoni ta' klawsola ta' kuntratt bejn zewg partijiet privati redatt b'mod regolari min-Nutar Pubbliku*". Gie osservat ukoll li kull ma kien qed jaghmel ir-rikorrent kien "*attentat fjakk sabiex jittanta juza din il-Qorti ….. bhala stadju ulterjuri tal-appell*….."

L-intimati Dorothy Galea Debono et issollevaw l-istess pregudizzjali billi sostnew li r-rikors "*ma huwa xejn ghajr skuza dghajfa intiza biex jahbu l-intenzjoni reali li juzaw lil din l-Onorabbli Qorti bhala Qorti ta' Revizjoni tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti ta' l-Appell* ….." L-istess intimati affermaw ukoll li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali *"ma ghandhiex il-funzjoni ta' court of third instance fis-sens li terga tirrivedi l-mertu tal-kawza gia deciza mill-Qorti ta' l-Appell"*.

Illi kif sewwa osservaw l-intimati Dorothy Galea Debono et fir-risposta taghhom ghar-rikors promotur, "*Il-funzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha*

*kostituzzjonali hi biex tara jekk gewx lezi o meno d-drittijiet fondamentali tar-Rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali*". Kien ghalhekk mistenni mill-ewwel Qorti li, rinfaccata bl-affidavit tar-rikorrent a fol. 76 sa 89 tal-process, tiddikjara immedjatament u bla tlaqliq li t-talba kif proposta ma kienitx ammissibbli stante li fl-istess affidavit ma tinsab ebda raguni li tista' twassal ghal ksur ta' xi dritt fundamentali izda l-istess affidavit ma hu xejn hlief espressjoni tan-nuqqas ta' qbil tar-rikorrent ma' dak li nghad jew gie deciz fis-sentenza tal-14 ta' Awwissu, 1992. Infatti fl-imsemmi affidavit wara li Carmelo Busuttil jirrelata dak li gara bejn l-akkwist u s-sentenzi msemmija, hu espressament jghid hekk: "*Jiena ma naqbilx ma' dan ir-ragunament* [tal-Qorti ta' l-Appell] *u bir-rispett kollu, jiena tal-fehma illi huwa skorrett hafna ghal zewg ragunijiet …..*"

Dan l-attentat "fjakk" irravizatu l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata (a fol 25) osservat hekk: "*Illi jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti fil-verita` qed jipprovaw juzaw lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Revizjoni …..*" Kienet ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, skorretta l-ewwel Qorti meta ppronunzjat ruhha fuq ir-ragunamenti fis-sentenzi kontestati biex ikkonkludiet li "*hija sodisfatta li l-Qrati ghamlu apprezzament skond il-ligi tal-klawsola kuntrattwali …… "* (fol. 26 tas-sentenza).

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel piena referenza ghal dak li nghad fir-risposta tal-intimati Dorothy Galea Debono et (fol. 155) u senjatament ghal dak li jinsab riportat fil-paragrafu erba' (4) fejn insibu silta mehuda mill-ktieb "The European Convention on Human Rights" ta' Jacobs & White pagna 159 4 edizzjoni, tghid hekk:

*"the Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact, or the application of national law to them, for the conclusions of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike the national court of appeal, it is not*

*concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be. The court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Minn ezami tar-rikors tal-appell jidher li l-ilment tal-appellanti, ghalkemm jsir tentattiv biex jinghata xejra differenti, ghadu, kif dejjem kien, marbut mal-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell ghal klawsola kuntrattwali koncernanti l-akkwist ta' arja fuq il-blokk ta' appartamenti inkwistjoni. Infatti fil-pagna 12 tar-rikors (*in calce*) jinghad hekk: "*Illi ghalhekk dak illi fil-verita` jridu l-esponenti huwa mhux illi dina l-Onorabbli Qorti taghmilha ta' qorti tat-tielet jew raba' istanza izda jridu raguni ghaliex proprjeta` ittehditilhom b'decizjoni tal-qorti biex qew li ghandhom l-istess proprjeta` in komuni ma terzi li relazzjoni maghhom qatt ma kellhom.*" Dan kien proprju l-kompitu tal-qrati ordinarji li kellhom jiddeciedu vertenza bejn zewg cittadini dwar id-drittijiet reciproci naxxenti minn kuntratt pubbliku u li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet inghatat ir-risposta li r-rikorrenti kienu qed jfittxu. Dik id-decizjoni hija wahda finali u ebda tentattiv, bhal ma qed jipprovaw jaghmlu r-rikorrenti, ma jista' jkollu ezitu favorevoli billi dik id-decizjoni tinbidel.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konjugi Busuttil qed jigi michud u s-sentenza appellata, salv dak li nghad hawn fuq, kkonfermata, u billi din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell kien wiehed frivolu u vessatorju tikkundanna lill-appellanti Busuttil ihallsu spejjez doppji ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------